# Via Crucis

## it-Triq tas-Salib

fil-Belt tal-Imdina
adatta mill-Meditazzjonijiet tal-Via Crucis
tal-Qaddej ta' Alla

## Papa Ġwanni Pawlu II

2003.

*Lettur 1*
Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

*Ġemgħa*
Ammen.

## Daħla

*Lettur*
Is-skiet ta' din il-belt jorbotna ma' missirijetna
li għexu qabilna
u li għaddew bħalna mill-ġrajjiet tan-niket u t-tbatija.
It-tbatija tgħaqqadna f'tiġriba waħda
ma' dawk li ġew qabilna u dawk li għad jiġu warajna.
L-istess tiġriba tgħaqqadna
ma' dawk li llum jgħixu magħna u 'l bogħod minna.
It-tbatija ssir is-salib li jwaħħadna flimkien
u jgħaqqadna ma' dak li ġarru qabilna.

*Lettur*
Is-skiet ta' din il-belt fil-ħemda tagħha
jnissel fina stgħaġib
u fl-istess ħin jimliena bil-ħajra
li nġarrbu s-sliem li jwelled il-maħfra.

*Lettur*
Għax fis-salib li nġorru fil-għoli,
is-sinjal tar-rebħa tagħna,
inħossu d-dgħufija tixxejjen taħt ir-rieda,
il-mibgħeda toghsfor fil-maħfra
u l-qtiegħ ta' qalb jintilef fit-tama tal-qawmien
li ġej mis-Salib ta' Kristu.

*Lettur*
Fis-skiet ta' din il-belt
jidwi l-kwiet tal-qabar mimli bil-ġisem
ta' dak li ta ħajtu għalina;
is-skiet li jrid jinfexx fl-għajjat ta' ferħ
kif il-ġisem mejjet jieħu mill-ġdid il-ħajja
u jbattal il-ħofra fil-blat biex jimla l-ħolqien.

*Lettur*

Nadurawk O Ġesù u nbekruk;

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur*
L-art ġo ġufha ma wesgħetekx Mulej,

*Ġemgħa*
u l-qawmien tiegħek mela l-ħolqien kollu.

*Lettur*
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

*Ġemgħa*
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Lettur*
Il-Via Sacra hija l-mixja tal-fidi;
f'Ġesù kkundannat għall-mewt naraw l-imħallef tal-ħolqien kollu;
f'Ġesù mgħobbi bis-salib, nilmħu l-Feddej tad-dinja;
f'Ġesù msallab, niltaqgħu wiċċ'imb'wiċċ ma' Sid iż-żminijiet;
l-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

*Lettur*
Il-għabex tal-Ġimgħa l-Kbira:
lejl sħun - bil-ħsus u l-ħsejjes imħawda
barra minn żmienhom
kif fis-sema jdawwal id-dlamijiet bejn jum u ieħor
l-ewwel qamar kwinta tar-Rebbiegħa.

*Lettur*
Inġbarna f'dan il-lejl f'isem il-Mulej tagħna.
jinsab fostna kif wiegħedna (cf Mt 18,20).
u magħna timxi, hawn l-imbierka Verġni Marija
li waqfet fuq il-għolja tal-Qorriegħa:
l-Omm ħdejn Binha fl-aħħar nifs ta' ħajtu;
id-dixxiplu ħdejn l-Imgħallem tas-Sewwa;
Eva l-ġdida taħt is-siġra tal-ħajja.
Il-mara tad-dieqa;
is-sieħba tal-bniedem tan-niket li ġarrab l-imrar. (cf Is 53,3)
Hi, bħala l-Omm tal-Ħniena,
tmil lejn uliedha fi xfar l-irdum u f'tarf il-għejja,
biex magħhom tħoss il-weġgħat
u tisma' mill-qrib il-krib tiela mill-bjar ta' qlubhom.
Il-faraġ fuq idejha u t-tama tas-sliem fuq xfar xuftejha.

*Lettur*

L-Eqdes Missier,
ħares lejn id-demm inixxi mill-ġenb minfud tal-Feddej tagħna;
ara fih id-demm imxerred
mill-vittmi tal-għira, tal-kilba għall-ġid,
tal-mibgħeda, tal-gwerra;
u fil-ħniena tiegħek biddel il-mixja tad-dinja w ġrajjietha
biex fihom isseħħ ir-rieda tiegħek għall-paċi u l-ġustizzja.
Agħtina li l-Knisja tiegħek tagħti ruħha b'fiduċja kbira fik
għall-qadi tiegħek u l-ħelsien sħiħ tal-bnedmin kollha.

*Ġemgħa*

Ammen.

## L-Ewwel Stazzjon

## Ġesù kkundannat għall-mewt

*Lettur*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 13b-15

Huma nfexxew jgħajjtu mill-ġdid: "Sallbu!"
Qalilhom Pilatu: "Imma x'għamel ħażin?"
Huma aktar bdew jgħajjtu: "Sallbu!"
Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies, telqilhom lil Barabba,
u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Is-sentenza ta' Pilatu kienet influwenzata mill-għajjat tal-qassisin u l-folla. Il-mewt fuq is-salib kellha l-għan li ttaffi r-rabja tagħhom u tikkuntenta l-għażla tagħhom: "Sallbu, Sallbu!" (Mk 15, 13-14)

*Lettur*
Il-gvernatur Ruman ħaseb li seta' jaqta lilu nnifsu mis-sentenza, jaħsel idejh quddiem kulħadd, sewwa sew kif kien għadu kif inqata' mill-kliem ta' Kristu li waħħad is-Saltna tiegħu mall-verità (Ġw 18, 38).

*Lettur*
Pilatu ipprova jżomm l-indipendenza tiegħu, ried jipprova juri li hu ma kellux x'jaqsam. U hekk deher minn barra.

*Lettur*
Iżda s-salib li Ġesù kellu jmut fuqu, bħall-verità li ta xhieda għaliha, kellu jinfed fil-qalba tal-eżistenza tal-gvernatur. Dan kellu juri, u għadu juri sallum, li quddiem il-verità, ħadd ma jista' jgħid: *M'għandix x'naqsam!* jew *Din mhix biċċa tiegħi!*

*Lettur*
Meta Ġesù, l-Iben ta' Alla, ġie mistoqsi dwar is-Saltna tiegħu, u, minħabba t-tweġiba li ta, instab ħati u ġie kkundannat għall-mewt, dak il-ħin beda jagħti xhieda li "Alla hekk ħabb lid-dinja..." (cf Ġw 3, 16).

*Lettur*
Illum, quddiem din ix-xhieda ma nistgħux naħslu jdejna.

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Ġesù ta' Nażaret, ikkundannat għall-mewt bla ħtija,
xhud fidil tal-imħabba tal-Missier.

*Kor u Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Lettur*
Ġesù, Iben ta' Alla ubbidjenti għar-rieda tal-Missier
sal-mewt fuq is-salib.

*Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*

Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*

Wieqfa kienet, imbikkija,
l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija,
fuq salib imdendel.

## It-Tieni Stazzjon

## Ġesù jilqa' s-salib

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 20

Mbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett,
neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu ħwejġu.
U ħaduh 'il barra biex isallbuh.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
L-eżekuzzjoni, it-twettiq tas-sentenza, ġiet mibdija. Kristu, kkundannat għall-mewt, jeħtieġi li jitgħabba bis-salib bħat-tnejn l-oħra, li ngħataw l-istess kastig: "ġie mgħadud mal-ħżiena" (Is 53, 12). Kristu jersaq u joqrob lejn is-salib, ġismu mbenġel u misluħ, bid-demm iċarċar ma' wiċċu minn rasu minfuda bix-xewk. *Ecce Homo!* (Ġw 19, 5).

*Lettur*
Fih naraw iseħħ dak li ħabbru l-profeti dwar l-Iben ta' Alla, dak li bassar Iżaija l-profeta dwar il-qaddej ta' Jaħweh: "kien midrub minħabba dnubietna... u bit-tbenġil tiegħu, fiqna" (Is 53, 5).

*Lettur*
Fih naraw ukoll l-effett tal-biża' ta' dak li lbniedem għamel lil Alla tiegħu. Leħen Pilatu jdamdam: "*Ecce Homo!*" (Ġw 19, 5): "Araw x'għamiltu lil dan il-bniedem!" Iżda hemm leħen ieħor li jinstema', leħen li bħal donnu jgħid: "Araw x'għamiltu, f'dan il-bniedem, lil Alla tagħkom!"

*Lettur*
Qalbna tingħasar aħna u nisimgħu dan il-leħen għadu jidwi f'widnejna u f'qalbna wara mijiet ta' snin, minn dak li nafu bil-fidi tagħna. *Ecce Homo!*

Ġesù "li jsejħulu l-Messija" (Mt 27, 17) jieħu fuq spallejh is-salib u jibda t-twettiq tal-kundanna.

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Kristu, Iben Alla,
Inti tgħarraf lill-bniedem il-misteru tiegħu innifsu.

*Kor u Ġemgħa*
Christe eleison.

*Lettur*
Ġesù, qaddej tal-Mulej,
aħna fiqna bil-ġrieħi tiegħek.

*Ġemgħa*
Christe eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*

Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
F'dak l-imrar bl-uġiegħ mitmuma,
nifed sejf in-niket.

## It-Tielet Stazzjon

## Ġesù jaqa' għall-ewwel darba

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija. 53, 4-6

Hu rafa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna.
Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat,
mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn.
Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna,
misħuq minħabba fi ħżunitna.
Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu,
u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.
Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa,
kull wieħed minna qabad triq għal rasu.
U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
Inroddu ħajr lil Alla.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Ġesù jaqa' taħt it-toqol tas-salib. Jaqa' fl-art. Ma jużax il-qawwiet straordinarji tiegħu. Ma jsejjaġx lill-anġli. "Taħseb int li ma nistax nitlob lil Missieri u jibgħatli issa stess aktar minn tnax-il leġjun ta' anġli?" (Mt 26, 53) Issa li laqa' il-kalċi li kellu jixrob minn idejn il-Missier, (Mk 14, 36) ma jerġax lura. Din hi r-rieda tiegħu.

*Lettur*

Għalhekk ma jdawwarx ħsibijietu lejn xi qawwa straordinarja, għalkemm din il-qawwa tindab fih. Dawk li raw il-qawwa tiegħu tegħleb id-dgħufijiet tal-bniedem, il-mard u saħansitra l-mewt, seta' ġihom dubju f'qalbhom u staqsew: "Kif qed iwarrab din il-qawwa? X'se jiġri issa?" Id-dixxipli fit-triq lejn Emmaws kienu se jgħidu: "Aħna konna nittamaw..." (Lq 24, 21) Il-qassisin il-kbar, taħt is-salib kienu se jgħajtu: "Jekk inti l-Iben ta' Alla..." (Mt 27, 42). U l-folla fuq il-Golgota kellha tissokta tgħajjat u tgħid: "Salva oħrajn, iżda ma jistax isalva lilu nnifsu" (Mk 15, 31; Mt 27, 42).

*Lettur*
Ġesù jilqa' dan it-tgħajjir, li donnu jherri l-għan u t-tifsira tal-ħidma, it-tagħlim u l-mirakli tiegħu. Jilqagħhom għax mhux beħsiebu jeħodha kontrihom. Irid ikun mgħajjar. Irid jitkaxkar u jaqa' taħt is-salib. Irid dan kollu. Iżomm kelmtu sal-aħħar: "Ħa tkun magħmula r-rieda tiegħek u mhux tiegħi" (cf Mk 14,36).

*Lettur*
Alla jwassal il-fidwa tal-bnedmin permezz tal-waqgħat ta' Ġesù taħt it-toqol tas-salib.

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Ġesù, ħaruf ġwejjed, Redentur,
fuq spallejk iġġorr id-dnub tad-dinja.

*Kor u Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Lettur*
Ġesù, sieħeb tagħna fi tbatijietna
li ħadt fuqek id-dgħufijiet tagħna.

*Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,

bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Kemm tbatija f'qalb muġugħa,
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka!

## Ir-Raba' Stazzjon

## Ġesù jiltaqa' ma' Ommu

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Luqa. 2, 34-35, 51

Xmun berikhom,
u qal lil ommu Marija:
"Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael;
se jkun sinjal li jmeruh,
- u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! –
biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."
imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret;
u kien jobdihom.
U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
L-Omm. Marija tiltaqa' ma' Binha fit-triq tas-Salib. Salibu jsir salibha u l-umiljazzjoni tiegħu issir l-umiljazzjoni tagħha. It-tmaqdir tal-poplu jgħaffġilha spallejha. Hekk hu kollox. U hekk tidher f'għajnejn in-nies u dan tħoss qalbha: "... u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! ..." (Lq 2, 35)

*Lettur*
Il-kliem li qalilha Xmun erbgħin jum wara twelid Binha issa seħħew. U hekk, b'qalbha minfuda bis-sejf li ma jidhirx, Marija tingħaqad fil-mixja tul il-kalvarju ta' Binha li jsir il-kalvarju tagħha. Lil Marija narawha dejjem bis-sejf jinfdilha qalbha – l-Omm tat-tabtijiet.

*Lettur*
"Int li batejt miegħu!" ngħidulha aħna li nafu li m'hemmx mod ieħor kif nuru il-misteru ta' din it-tbatija. Għalkemm it-tbatija hija tagħha, tbatija sal-qiegħ tal-qalb tagħha ta' omm, il-verità hi li din hi tbatija f'sehem ma' dik ta' ħaddieħor: kom-passjoni.

*Lettur*
Il-kelma ssir parti mill-misteru. Marija ssir hi wkoll ħaġa waħda mat-tbatija ta' Binha.

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Qaddisa, Marija Ommna u oħtna fil-mixja tal-fidi,
miegħek ningħaqdu u nitolbu lil Ibnek Ġesù.

*Kor u Ġemgħa*
Christe eleison.

*Lettur*
Qaddisa, Marija, Inti ma ħsibthiex darbtejn biex miegħu titla' l-Kalvarju.
miegħek ningħaqdu u nitolbu lil Ibnek Ġesù.

*Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,

issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

# Il-Ħames Stazzjon

## Xmun minn Ċirene jgħin lil Ġesù jerfa' s-Salib

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 21-22

Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni,
missier Xandru u Rufu,
ġej lura mir-raba',
u ġagħluh jerfagħlu s-salib.
U wassluh f'post jismu Golgota,
li jfisser post il-Qorriegħa.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Żgur li Xmun iċ-Ċirinew, li ġie sejjaħ biex jerfa' s-Salib, (cf Mk 15, 21; Lq 23, 26) ma kellu ebda ħajra li jwettaq din l-ordni. Mexa ħdejn Ġesù mgħobbi bl-istess toqol. Meta spallejn l-ikkundannat għejjew, silfu tiegħu. Kien qrib ħafna ta' Ġesù, eqreb minn Ommu Marija, eqreb minn Ġwanni, li minkejja li kien raġel hu ukoll, ma ġiex imsejjaħ biex jgħin.

*Lettur*
Sejħu lilu, lil Xmun minn Ċirene, missier Xandru u Rufu, kif nisimgħu fl-Evanġelju skont San Mark (Mk 15, 21). Sejħulu. Obbligawh. Min jaf kemm dam jistmerr dan il-mument! Min jaf kemm dam miexi mal-ikkundannat, waqt li l-ħin kollu jipprova juri li hu ma kellux x'jaqsam la mas-salib, la mal-ikkundannat, la mal-għemil ħażin tiegħu u lanqas mal-mewt li ngħata.

*Lettur*

Min jaf kemm dam imtertaq fih innifsu, jtella' ħajt wara ieħor bejnu u bejn ir-Raġel batut. "Kont għeri, kont bil-għatx, kont fil-ħabs" (cf Mt 25, 35-36). Jiena ġarrejt is-Salib! Ġarrejtu miegħi? Ġarrejtu miegħi sal-aħħar?

*Lettur*

Ma nafux u qatt mhu se nkunu nafu. San Mark jgħidilna biss l-ismijiet ta' wlied iċ-Ċirinew, u t-tradizzjoni tgħidilna li saru membri ta' komunità Nisranija qrib ħafna ta' San Pietru. (cf Rum 16, 13)

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Kristu, Samaritan tajjeb,
proxxmu għall-fqir, għall-batut u għall-mwarrab.

*Kor u Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Lettur*

Kristu, Qaddej tal-Missier Etern, li tqis magħmul lilek
kull att ta' mħabba ma' min hu eżiljat, imkeċċi u barrani.

*Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Kulħadd*

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*

Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,

issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu, u kemm tibkiha
x'ħin tarah f'dil-ħasra!

# Is-Sitt Stazzjon

# Il-Veronika timsaħ wiċċ Ġesù

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija. 53, 2-3

Bħal xitla kiber quddiemna,
u bħal għerq minn art niexfa.
Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh,
jew xi sura biex nitgħaxxqu bih.
Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin,
bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard,
bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu,
bniedem imżeblaħ,
u aħna xejn ma qisnieh.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
Inroddu ħajr lil Alla.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Sirna nafu b'din il-mara, msejħa Veronika, mit-tradizzjoni. Donnha l-mara li bħar-raġel, iċ-Ċirinew, tgħin lil Ġesù. Bħala mara ma setgħetx iġġorr is-Salib. Qatt ma setgħet tiġi msejħa biex tgħin, iżda fil-fatt, ġarret is-Salib ta' Ġesù bl-uniku mod li setgħet. M'obdietx, kif għamel Xmun, is-sejħa tas-suldati, iżda obdiet dak li qaltilha qalbha, u marret timsaħlu wiċċu.

*Lettur*

L-istorja tgħidilna li Ġesù ħalla x-xbieha ta' wiċċu fil-maktur li bih mesħitlu wiċċu. Mhux diffiċli tifhem il-għala. Il-għaraq, id-dmugħ u d-demm faċilment ħallew sinjali fuq dan il-velu.

*Lettur*
Iżda dan id-dettal jieħu tifsira differenti fid-dawl tal-kliem ta' Ġesù stess dwar l-aħħar jiem. Ħafna għad jistaqsu u jgħidu: "Meta qatt għamilna dan kollu miegħek?" u Ġesù jweġibhom: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." (cf Mt 25, 37-40)

*Lettur*
Fil-fatt, il-Feddej iħalli s-sinjali ta' wiċċu jidhru f'kull att ta' karità li nagħmlu, sewwa sew kif ħalla x-xbieha ta' wiċċu fuq il-velu tal-Veronika.

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Wiċċ ta' Kristu,
imdallam bl-uġiegħ u mixgħul bil-Glorja ta' Alla.

*Kor u Ġemgħa*
Christe eleison.

*Lettur*
Wiċċ ta' Kristu,
imħolli xbieha f'kull att ta' mħabba.

*Ġemgħa*
Christe eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,

il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
x'ħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
f'niket kbir ma' Binha?

## Is-Seba' Stazzjon

## Ġesù jaqa' għat-tieni darba

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet. 3, 1-2, 9, 16

Jiena l-bniedem li ġarrabt l-hemm taħt ħatar qilltu.
Lili sâqni u mexxieni,
fid-dlam bla ebda dawl
Imbarrali t-triq b'ġebel minġur,
għawwiġli mogħdijieti.
Taħanli biż-żrar snieni,
u ġagħalni nitmiegħek fit-trab.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
Inroddu ħajr lil Alla.

## Meditazzjoni

*Lettur*
"Jien dudu ta' l-art, u mhux bniedem, żebliħ tan-nies, tkasbir tal-poplu." (Salm 22, 6) Il-kliem profetiku tas-salmista jseħħ fit-toroq dojoq u wieqfa ta' Ġerusalemm, fl-aħħar sigħat qabel il-Għid. F'daw il-ħinijiet it-toroq ikun mimlija daqs bajda bin-nies u t-tensjoni tkun kbira.

*Lettur*
Dan huwa l-ambjent li fih qed iseħħ il-kliem tal-profeta, avolja ħadd minn dawk li kien hemm ma jgħaddilu dan il-ħsieb minn moħħu. Żgur li ħadd ma jaħseb dwar dan, l-iktar meta n-nies huma mehdija jgħaddu biż-żufjett lil dan l-ikkundannat li jerġa jaqa' għal wiċċu.

*Lettur*

Iżda Hu jrid dan kollu, it-twettiq tal-profezija hija r-rieda tiegħu. Għalhekk jaqa', b'nifsu maqtugħ bl-isforz. Jaqa' għax din hi r-rieda tal-Missier, kif murija fil-kliem ħabbâr tal-Profeta Għannej. Jaqa' għax din hi r-rieda tiegħu: "Iżda mbagħad kif isseħħ l-Iskrittura li tgħid li hekk għandu jsir?" (Mt 26, 54)

*Lettur*

"Jien dudu ta' l-art, u mhux bniedem..." (Salm 22, 6) Hawnhekk lanqas hu *Ecce Homo*, ma jidhirx bniedem, ħafna inqas minn hekk. Id-dudu jitkaxkar ma' l-art, il-bniedem, bħal sultan tal-ħolqien, jimxi fuqha. Id-dudu jgerrem sa fl-injam: bħal dudu, it-tingiż tal-kuxjenza jgerrem ġo fina. Tingiż għat-tieni waqa'

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Ġesù ta' Nażaret, sirt barrani fost il-bnedmin
biex tgħati l-ogħla dinjità lil kull maħluq.

*Kor u Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Lettur*

Ġesù, qaddej tal-ħajja,
mgħaffeġ mill-bnedminiżda mgħolli min Alla.

*Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Kulħadd*

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*

Qaddisa Marija, Omm Alla,

itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Għad-dnubiet tal-poplu l-ħati,
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

## It-Tmin Stazzjon

## Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Luqa. 23, 28-31

Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom:
"Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku,
iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom.
Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu,
'Hienja dik li ma għandhiex tfal,
hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!"
Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!',
u lill-għoljiet, 'Ordmuna!'
Għax jekk dan kollu
qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar,
mela xi jsir minnu meta jinxef?"

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Fil-kliem ta' Ġesù tinstema' tidwi s-sejħa għall-indiema, indiema vera u niket għar-rejaltà tal-ħażen li twettaq. Ġesù jgħid lill-ulied Ġerusalemm li bkew għad-dehra tiegħu: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom." (Lq 23, 28) Jista' jkun li l-indiema tagħna tigref biss il-wiċċ tal-ħażen. L-indiema vera tinżel fl-għeruq tal-ħażin, fil-għajn tiegħu, fil-qalba tal-kuxjenza.

*Lettur*
Dan hu dak li sewwa sew Ġesù jixtieq jgħid hu u jġorr Salibu. Dejjem kien jaf "x'hemm fil-bniedem" (cf Ġw 2, 25) u jibqa' jkun jaf dejjem. U għalhekk

josservana mil-qrib, jara kull imġieba tagħna u jara wkoll il-ġudizzji li nagħmlu f'qalbna dwarhom.

*Lettur*

Jista' jkun li jgħinna nifhmu aħjar li dawn il-ġudizzji jkunu oġġettivi, raġunati u maħsuba sewwa - għalhekk jgħidilna biex ma nibkux – filwaqt li nagħrfu r-rejaltà iebsa tad-dnub. Dan kollu jista' jgħidu, għax wara kollox, is-Salib qed iġorru Hu. L-emozzjonijiet itellfuna milli niġġudikaw lilna nfusna skont is-sewwa.

*Lettur*

Mulej, għallimni nagħraf u nimxi fil-verità.

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Mulej, Ġesù, li tagħraf u tgħader,
Inti l-verità li twassalna għall-ħajja.

*Kor u Ġemgħa*

Christe eleison.

*Lettur*

Mulej, Ġesù, li tbati magħna,
Il-preżenza tiegħek fostna ttaffi l-weġġħat tagħna fis-siegħa tal-prova.

*Ġemgħa*

Christe eleison.

*Kulħadd*

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*

Qaddisa Marija, Omm Alla,

itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu
waqt li ħarġet ruħu.

## Id-Disa' Stazzjon

## Ġesù jaqa' għat-tielet darba

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet. 3, 27-32

"Tajjeb għall-bniedem li jerfa' l-madmad sa minn żgħożitu,
li joqgħod waħdu u sieket,
meta jgħabbihulu l-Mulej;
li qiegħed ħalqu fit-trab,
għandu mnejn jifdal xi tama;
li jagħti ħaddejh lil min isawwtu,
li jimtela biż-żebliħ.
Għax ma jarmix għal dejjem, lill-bniedem il-Mulej.
Għaliex jekk hu jgħakkes iħenn skond il-kotra ta' tjubitu.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
Inroddu ħajr lil Alla.

## Meditazzjoni

*Lettur*
"Ċekken lilu nnifsu u sa ubbidjenti sal-mewt, anzi sal-mewt tas-Salib." (Fil 2, 8) Kull stazzjon fil-Via Sacra huwa pass f'din il-mixja ta' ubbidjenza u ta' żvujtar minnu nnifsu. Dan nifhmuh iktar u napprezzawh fid-dawl tal-kliem tal-Profeta: "Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll." (Is 53, 6)

*Lettur*

Nagħrfu iżjed l-ubbidjenza ta' Ġesù meta narawh jaqa' għat-tielet darba. Nifhmu iżjed meta nikkontemplaw dwar min qed jaqa', min jinsab jilaq it-trab tal-art taħt is-Salib, f'riġlejn folla li tagħmel minn kollox biex tumiljah.

*Lettur*
Min hu li waqa? Min hu Ġesù Kristu? "Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib." (Fil 2, 6-8)

*Lettur*
"Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier!" (Fil 2, 11)

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Ġesù Kristu, Inti doqt il-mirra tat-trab tal-art
biex tibdel il-krib tal-uġiegħ tagħna f'għanjiet ta' ferħ.

*Kor u Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Lettur*
Kristu Ġesù, li ċċekkint fil-ġisem
biex tagħti dinjità ogħla lill-ħolqien kollu.

*Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġ'għalni nħoss dik it-tbatija,
biex jien nibki miegħek.

## L-Għaxar Stazzjon

## Ġesù mneżża minn ħwejġu

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 24

(Is-suldati)
qassmu ħwejġu bejniethom
billi tellgħuhom bix-xorti
ħalli kull wieħed jieħu li jmissu.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Kif Ġesù jiġi mneżża minn ħwejġu (cf Mk 15, 24 etc) ħsibijietna jduru mill-ġdid lejn Ommu Marija. Ħsibijietna jmorru lejn dawk l-ewwel jiem ta' dakil-ġisem, qabel kien immarkat bil-ġrieħi. Fil-misteru tal-Inkarnazzjoni l-Iben ta' Alla jsir ġisem fil-ġuf ta' Marija Verġni. (cf Mt 1, 23; Lq 1, 26-38)

*Lettur*
L-Iben ta' Alla jitkellem ma' Missieru bil-kliem tas-Salmista: "Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; imma ġisem int ħejjet għalija." (Salm 40, 7, Lhud 10, 7). Fil-ġisem tiegħu, il-bniedem jesprimi ruħu. Il-ġisem ta' Kristu huwa l-espressjoni tal-imħabba tal-Missier. "Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek." (Salm 40, 7, Lhud 10, 7) "Jien dejjem nagħmel ir-rieda tiegħu." (Ġw 8, 29)

*Lettur*
Ma' kull ġerħa, ma' kull weġgħa, ma' kull muskolu milwi, ma' kull taqtira ta' demm, ma' kull għejja fid-dirgħajn, it-tbenġil u t-tisliħ fid-dahar ta' dan il-

ġisem, kollha huma espressjoni tar-rieda tal-Missier u tal-Iben magħquda ħaġa waħda.

*Lettur*

Meta dan il-ġisem jitneżża minn ħwejġu u jiġi ttorturat, meta jieħu fuqu il-weġgħat bla tarf tal-umanità kollha, dak il-ħin tkun qed titqettaq ir-rieda tal-Missier. F'dan l-istazzjon jeħtieġ naħsbu f'Omm Kristu li f'ġufha, f'dirgħajha u quddiem għajnejna, il-Ġisem ta' Ġesù kien l-iktar miqjum.

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Ġesù, ġisem qaddis
li għadek sallum tkun imżeblaħ fil-membri tiegħek.

*Kor u Ġemgħa*

Christe eleison.

*Lettur*

Ġesù, ġisem offerta ta' mħabba
mifrud illum fil-membri tiegħek.

*Ġemgħa*

Christe eleison.

*Kulħadd*

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*

Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,
la tħalliha qatt tittabba'
imħabbti għal Kristu.

## Il-Ħdax-il Stazzjon

## Ġesù msammar mas-salib

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 25-27

Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh.
Il-kitba li turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu
kienet tgħid hekk:
"Is-sultan tal-Lhud."
Miegħu sallbu wkoll żewġ ħallelin,
wieħed fuq il-lemin
u l-ieħor fuq ix-xellug.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
"Taqqbuli idejja u riġlejja; nista' ngħodd għadmi kollu." (Salm 22, 16-17) "Nista' ngħodd..." Kemm huwa profetiku il-kliem tas-Salmista! Iżda aħna nafu li dan il-ġisem huwa rahan. Il-ġisem kollu, ir-riġlejn, l-idejn, kull għadma huma rahan prezzjuż.

*Lettur*
Il-Bniedem Sħiħ jinsab f'tensjoni kbira. Ġismu, kollu kemm hu, stirat bħal donnu se jinfired biċċa minn oħra. "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, niġbed lill-bnedmin kollha lejja." (Ġw 12, 32)

*Lettur*

Dawn il-kelmiet juru r-rejaltà tal-kruċifissjoni fl-aqwa tagħha. Parti minn din ir-rejaltà tal-biża hija din it-tensjoni iebsa f'l-idejn, is-saqasjn u kull għadma ta' Ġesù. Il-ġbid bil-mod il-mod, jinfirex sal-qalba ta' ġismu kollu, li mwaħħal, bħal ċarruta mat-travi tas-Salib, fi ftit ħin, irid jgħaddi mit-tixjin tal-agunija tal-mewt.

*Lettur*
Hekk id-dinja kollha tidħol fir-rejaltà tas-Salib. Id-dinja tiġġebbed ma' Ġesù, li, iktar kemm jgħaddi l-ħin, iktar jinġibed 'l isfel u jiddendel iżjed. Il-Passjoni ta' Kristu msallab tiddependi issa mill-ġibda lejn l-art. "Intom minn isfel, Jiena minn fuq." (Ġw 8, 23) U minn fuq is-Salib, Ġesù jgħajjat: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." (Lq 23, 34)

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Kristu, msallab mill-mibgħeda
mibdul bl-imħabba, f'sinjal ta' sliem u għaqda mill-ġdid.

*Kor u Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Lettur*
Kristu, b'demmek imxerred fuq is-Salib,
Inti fdejt lill-bniedem, lid-dinja, lill-ħolqien kollu.

*Ġemgħa*
Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta’ Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta’ dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Omm qaddisa, isma’ talbi:
dawk il-pjagi q’għedli f’qalbi
t’Ibnek Ġesù msallab.

## It-Tnax-il Stazzjon

## Ġesù jmut fuq is-salib

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 33-39

Xħin saret is-sitt siegħa
waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa.
U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi:
"Eloî, Eloî, lema sabaqtani!",
li jfisser:
"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"
Xi wħud minn dawk li kienu hemm,
kif semgħuh, qalu:
"Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!"
U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares,
waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal:
"Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!"
Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.
U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel.
Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu,
meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal:
"Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!"

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*

Fi Kristu msallab, inqimu l-għaqda tal-ħidma tal-Iben ma' tal-Missier. U din l-għaqda tidher sewwa sew fl-aqwa tagħha meta Ġesù jgħajjat: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (Mk 15, 34; Mt 27, 46) Din il-ħidma tintwera fil-ġisem ta' Ġesù miġbud mal-arblu wieqaf tas-Salib, b'dirgħajh mifruxa tul it-travu marbut mal-arblu. Dirgħajh bħal donnhom jgħannqu lill-bnedmin kollha, lid-dinja kollha.

*Lettur*
Tassew, din hi t-tgħanniqa. Hawn hu l-bniedem. Hawn hu Alla nnifsu. "Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna." (Atti 17, 28) Fih! Bejn dawk l-idejn miġbuda u msammara mas-Salib.

*Lettur*
Il-Misteru tal-Fidwa. Imsammar mas-salib, ma jistax jiċċaqlaq, Ġesù jsejjaħ lill-Missier. (cf Mk 15, 34; Mt 27, 46; Lq 23, 46) "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda!" (Ġw 10, 30) "Min jara lili ra lill-Missier." (Ġw 14, 9)

*Lettur*
"Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jien ukoll." (Ġw 5, 17)

## Akklamazzjoni

*Lettur*
Bin Alla,
ftakar fina fis-siegħa tal-mewt tagħna.

*Kor u Ġemgħa*
Christe eleison.

*Lettur*
Bin il-Missier, ftakar fina,
u bl-Ispirtu tiegħek, ġedded il-wiċċ tal-art.

*Ġemgħa*
Christe eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,

bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.

# It-Tlettax-il Stazzjon

## Ġesù mniżżel mis-salib

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 42-46

Kien ġa sar filgħaxija,
u billi kien Jum it-Tħejjija,
jiġifieri lejlet is-Sibt,
Ġużeppi minn Arimatija,
membru magħruf tal-Kunsill,
li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla,
għamel il-ħila,
daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù.
Pilatu stagħġeb li kien ġa miet;
bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet.
Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun,
ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi,
u dan xtara liżar ta' l-għażel,
u niżżel lil Ġesù mis-salib.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Meta l-ġisem ta' Ġesù jitniżżel mis-salib u jitqiegħed fi ħdan Ommu Marija, tiġina f'moħħna is-siegħa li fiha Marija laqgħet l-istedina mingħand l-Anġlu Gabrijel: "Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David

missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." (Lq 1, 31-33) It-tweġiba ta' Marija kienet sempliċi "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1, 38) bħal donnu dak il-ħin riedet tfisser dak li kienet qed iġġarrab issa.

*Lettur*

Fil-Misteru tal-Fidwa, il-grazzja, li hija r-rigal ta' Alla, tinxtara bil-prezz imħallas mill-qalb tal-bniedem. F'dan il-misteru aħna mogħnija b'don mogħti minn Alla u fl-istess ħin 'mixtrija' bil-prezz imħallas minn Ġesù fuq is-Salib. (cf 1 Kor 6, 20; 7, 23; Atti 20, 28) U Marija, 'mimlija bil-grazzja' (cf Lq 1, 28) tħallas ħafna iżjed, b'qalbha minfuda.

*Lettur*

Il-kliem ta' Xmun fit-tempju, dakinhar tal-preżentazzjoni ta' Ġesù tarbija, jingħaqad f'din il-ġrajja, f'dan il-misteru : "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna. " (Lq 2, 34-35)

*Lettur*

Il-wegħda issa twettqet. Kemm qlubta' bnedmin idemmu għall-qalb ta' din l-Omm li ħallset prezz daqshekk għoli! Għal darb'oħra Ġesù mitluq f'dirgħajha kif intelaq ġewwa Betelehem (cf Lq 2, 16) waqt il-ħarba lejn l-Eġittu (cf Mt 2, 14) u f'Nażaret (cf Lq 2, 39-40). Pietà!

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Omm Qassisa, Omm ta' tbatija kbira,
miegħek niftħu dirgħajna għal dak li huwa l-Ħajja,
u bl-umiltà kollha nitolbuh.

*Kor u Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Lettur*

Omm Qaddisa, Omm u msieħba mar-Redentur,
f'xirka miegħek niftħu dirgħajna għal Kristu
u mimlijin bit-tama nsejħulu.

*Ġemgħa*

Kyrie eleison.

*Kulħadd*
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Verġni mbierka, Omm qalbiena,
uri miegħi din il-ħniena,
biex inħoss l-indiema.

## L-Erbatax-il Stazzjon

## Ġesù mqiegħed fil-qabar

*Lettur 1*
Nadurawk o Ġesù u nberkuk.

*Ġemgħa*
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

*Lettur 2*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark. 15, 46-47

(Ġużeppi minn Arimatea
Ħa l-ġisem ta' Ġesù)
keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat;
mbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar.
Marija ta' Magdala u Marija omm Ġosè
qagħdu jaraw fejn tqiegħed.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek, Kristu.

## Meditazzjoni

*Lettur*
Minn meta l-bniedem, minħabba d-dnub, tbiegħed mis-Siġra tal-Ħajja (cf Ġen 3, 23-24) l-art kollha saret midfna. Fiha hemm oqbra daqs kemm hemm bnedmin. Pjantea ta' oqbra.

*Lettur*
Qrib il-Kalvarju, kien hemm il-qabar ta' Ġużeppi minn Arimatea (cf Mt 27, 60). F'dan il-qabar, bil-kunsens ta' Ġużeppi, ġie mqigħed il-ġisem ta' Ġesù wara li tniżżel mis-Salib. Tqiegħed bil-għaġġla biex id-difna titlesta qabel l-Għid (Ġw 19, 31) li kien jibda ma' nżul ix-xemx.

*Lettur*

F'wieħed mill-miljuni ta' oqbra mxerrdin mad-dinja kollha, l-Iben ta' Alla, il-bniedem Ġesù Kristu, jirbaħ il-mewt bil-mewt. "O mewt! Jiena nkun il-qerda tiegħek; inkun it-tmiem tiegħek!" (L-ewwel antifona tal-Għasar tas-Sibt Qaddis tal-Għid) Is-Siġra tal-Ħajja, terġa' titqiegħed mill-ġdid quddiem il-bnedmin fil-ġisem ta' Kristu. "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja." (Ġw 6, 51)

*Lettur*

Minkejja li d-dinja kontinwament timtela' b'oqbra ġodda; minkejja dan iċ-ċimiterju kbir, li fih kull bniedem, maħluq mit-trab u jerġa lura fit-trab (cf Ġen 3, 19) qiegħed il-ħin kollu jikber, minkejja dan kollu, kull min jitfa' ħarstu fuq il-Qabar ta' Kristu, jgħix bit-tama tal-Qawmien mill-Imwiet.

## Akklamazzjoni

*Lettur*

Mulej Ġesù, qawmien tagħna,
fil-qabar ġdid,
Inti teqred il-mewt u tagħti l-ħajja.

*Kor u Ġemgħa*

Christe eleison.

*Lettur*

Mulej Ġesù, tama tagħna,
il-ġsem tiegħek imsallab u mqajjem mill-imwiet
sar is-Siġra l-ġdida tal-Ħajja.

*Ġemgħa*

Christe eleison.

*Kulħadd*

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

*Ġemgħa*
Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

*Kor u Ġemgħa*
Mewt Ġesù q'għedli quddiemi
fuq il-pjagi jkun biss kliemi
u l-Passjoni tiegħu.

*Lettur*
Skont il-fehma tal-Papa.

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.

*Ġemgħa*
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Glorja lill-Missier u lill-Iben
u lill-Ispirtu s-Santu

*Ġemgħa*
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Kor u Ġemgħa*
Ġ'għalni nħoss il-pjagi fija,
is-salib u kull tbatija,
u nissaffa b'Demmu.

*Lettur*
Nitolbu għall-erwieħ ta' dawk li marru qabilna fil-ħajja ta' dejjem.

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.

*Ġemgħa*
Ħobzna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

*Lettur*
Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

*Ġemgħa*
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina l-midinbin,
issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

*Lettur*
Agħtihom, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

*Ġemgħa*
Id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom.

*Lettur*
Jistrieħu fis-sliem.

*Ġemgħa*
Ammen.

*Kor u Ġemgħa*
Verġni mbierka, ieqaf miegħi
f'Jum il-Ħaqq, biex fit-tmiem tiegħi
fin-nar qatt nintilef.

Waqt l-espożizzjoni

## INNU EWKARISTIKU

(NADURAWK, JA ĦOBŻ TAS-SEMA) (1913)

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin;
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
Inti l-hena tal-bnedmin.
Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin;
Inti l-ħlewwa tal-qawwija,
Inti s-saħħa tal-fqajrin.
Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin;
Inti l-qawma ta' min raqad,
Inti l-għaxqa tal-ħajjin.
Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin;
Jalla d-dinja tagħraf tħobbok,
Fik il-qlub huma henjin.
Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin,
Insellmulek, Alla moħbi,
Inti biss taħkem is-snin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

*Lettur*
Qari mill-Evanġelju skont San Mark 16, 1-8

Meta għadda s-Sibt,
Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salomi
xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom.
Kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa,
kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar.
U bdew jgħidu lil xulxin:
"Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?"
Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb;
kienet ġebla kbira ħafna.
Daħlu fil-qabar,
u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin,
liebes libsa bajda;
u nħasdu.
Imma hu qalilhom:
"Xejn la tinħasdu.
Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab;
qam mill-mewt, m'huwiex hawn.
Araw il-post fejn kienu qegħduh.
Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu,
u lil Pietru,
li hu sejjer fil-Galilija qabilkom;
tarawh hemmhekk, kif kien qalilkom."
U huma ħarġu 'l barra u tbiegħdu b'ġirja waħda mill-qabar,
għax kellhom rogħda fuqhom u baqgħu mbellhin bil-biża'.
U ma qalu xejn lil ħadd, għax beżgħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

*Ġemgħa*
It-tifħir lilek Kristu

*Arċisqof:*
Mulej, Sidna Ġesù Kristu,
Wara li rriflettejna fuq it-tbatija tiegħek
matul il-mixja sa fuq il-għolja tal-Kalvarju,
li wasslitek biex, f'għaqda sħiħa mar-rieda tal-Missier,
tingħata kollok kemm Inti għalina f'mewtek,

ninsabu miġburin fil-preżenza tiegħek, ħaj fostna.
It-tama tagħna ssir ir-rejaltà tagħna.
Id-dubji tagħna jinbidlu fil-verità tiegħek:
"Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien." (Mt 28, 20)
Għalhekk induru lejk illejla,
u b'fiduċja sħiħa fik inressqu quddiemek id-dinja
li llum qed ngħixu fiha.
Int wegħedtna s-sliem tiegħek li mhux is-sliem tad-dinja (Ġw 14, 27)
u llum nitolbuk tagħtina dan is-sliem li ma nistgħux nitħabtu għalih aħna.
L-isforzi tagħna,
mtebbgħin mill-interessi ta' kull wieħed u waħda minna,
ixekklu l-kisba tal-paċi vera.
Inti biss tista' tagħtina s-sliem veru
u miegħu tagħtina l-qawwa biex inħarsuh
u ngħixuh bil-ħajja tagħna kollha kemm hi.
Is-sliem tiegħek huwa s-sliem
li jibda mill-fond ta' qalbna
u jinfirex fil-ħsieb, il-kliem u l-għemil kollu tagħna.
Is-sliem tiegħek hu l-għajn tal-imħabba, tal-ġustizzja,
tat-tolleranza, tar-rispett lejn xulxin.
Dan hu s-sliem li kull bniedem,
minn qiegħ qalbu huwa mxennaq għalih.
Ħares lejna minn fuq is-Salib tiegħek,
Mulej, Sidna Ġesù Kristu,
u agħti l-maħfra lil dawk
li llum ukoll qed isallbu bnedmin oħra,
għax ma jafux x'inhuma jagħmlu.
Agħti sens ta' ħaqq lil min imexxina
biex inkunu ħielsa li nħobbuk u nqimuk.
Kun mal-popli, l-iktar dawk ġirien tagħna,
biex fosthom isaltan is-sliem tiegħek
u l-ġustizzja li tiġi mill-imħabba tiegħek.
Sieħeb it-tbatija ta' min hu abbużat,
marid jew inkwetat, mat-tbatija tiegħek.
Qawwi t-tama tagħna lkoll
biex quddiem il-kalvarju tagħna ma naqtgħux qalbna.
U mill-qabar tiegħek,
minn fejn b'mewtek irbaħt il-mewt,
dawwalna biex naraw id-dawl
u miegħek nistenbħu
għall-Ħajja l-ġdida li rbaħtilna bil-Qawmien tiegħek mill-imwiet.

Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

*Ġemgħa*
Ammen.

*Kor u Ġemgħa*
Dal-misteru, għarkopptejna,
Ejjew mela naduraw
U quddiem ir-riti ġodda
Suriet qodma jispiċċaw;
Bit-twemmin ġo qalbna nħossu
Dak li s-sensi le jaraw.

Lill-Missier inroddu, u 'l Iben
B'qalbna kollha kull tifħir,
Lejhom mat-tberik ta' qalbna,
Imħabbitna 'l fuq ittir;
Lill-Ispirtu li ġej minnhom
Ħajr ukoll, xejn inqas kbir. Ammen.

*Arċisqof*
Nitolbu
O Alla,
li f'dan is-sagrament tal-għaġeb
ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek:
agħtina, nitolbuk,
li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek
hekk li nħossu fina bla heda
dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Tingħata l-Barka Sagramentali

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesú Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesú .
Imbierka l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesú fis-Santissmu Sagrament ta' l-artal.

Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omma alla, Marija Santissma.
Imbierka l-Imqaddsa u Immakulta Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-Isem ta' Marija, Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp, għarus kastissmu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

*Kor u Ġemgħa*

Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, *
sebbħuh popli kollha!

Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, *
il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben
u lill-Ispirtu s-Santu

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.